Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 99/2017

Il-Pulizija

Vs

Godfrey Formosa

Illum is-27 ta' Frar 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Godfrey Formosa detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 102979(M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

> Fis-27 ta' Jannar, 2017 u fil-jiem, gimghat, xhur u snin ta' qabel din id-data fil-Furjana u f' dawn il-Gzejjer b' diversi atti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi, maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti u li gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda kif provdut fl-Artiklu 18 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta w aktar billi rrenda ruhu komplici fl-akkuzi odjerni hawn taht skont Artikolu 42 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta:
>
> i) Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi wieghed, ta jew offra, sew b' mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fl-Artikoli precedenti ta' dan is-subtitolu u ta' xi persuna ohra, sabiex igieghel lil dik il-persuna ohra tesercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor, u dan bi ksur tal-Artikolu 121 A (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

ii) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi xjentament ghamel uzu minn dokument dikjarazzjoni jew certifikat, ghamel jew ta dikjarazzjoni falza jew certifikat falz meta ma kienx ufficjal jew impjegat pubbliku b' abbuz ta' awtorità, cioè Certifikat tal-VRT, lill-Pulizija u lill-Awtorità tat-Transport u dan bi ksur tal-Artikolu 186 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

iii) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f' xi dokument mahsub ghal xi awtorità pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz, cioè Certifikat tal-VRT, u dan bi ksur tal-Artikolu 188 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

iv) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b' wiehed mill-mezzi imsemmijin fl-Artikolu 179 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, ghamel falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista' taghmel hsara lil xi persuna jew iggib utli, cioè Certifikat tal-VRT, u dan bi ksur tal-Artikolu 187 (1) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

v) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq jew ippermetta li tithalla vettura ta' ghamla Ford Transit bin-Numru ta' Registrazzjoni ABU 815 fit-triq, kemm jekk ipparkjata kemm jekk qed tintuza, minghajr licenzja ghac-cirkolazzjoni valida, jew permess ghac-cirkolazzjoni validu jew diska talicenzja temporanja valida, skont ma jkun applikabbli, mahruga mill-Awtorità u dan bi ksur tar-Regolament 13 (2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.02 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif kontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-28 ta' Frar, 2017, fejn il-Qorti wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 18, 42, 121 A(1), 186, 187(1) u 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 13(2) u 44(7)(a) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 368.02, il-Qorti, filwaqt li sabet lill-imputat hati tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' akkuzi dedotti fil-konfront tieghu, ikkundannatu ghal tlett (3) snin prigunerija effettiva u sabet lill-imputat hati tal-hames akkuza dedotta fil-konfront tieghu, ikkundannatu ghall-hlas ta' multa ammontanti ghal mija u hamsin Euro (€150).

Il-Qorti astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f' kaz ta' htija l-imputat jigi kkundannat ihallas l-ispejjez tal-esperti jew periti nominati skont l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta in kwantu ma tressqu l-ebda provi fir-rigward.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Godfrey Formosa, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-8 ta' Marzu, 2017, fejn talab lil din l-Qorti tilqa' dan l-appell billi TANNULLA U THASSAR is-sentenza appellata u tpoggi lill-appellant fl-istess posizzjoni li kien fil-mument li sarlu l-ezami minghajr gurament; u sussidjarjament jekk l-ewwel aggravju ma' jintlaqax, TIRRIFORMA s-sentenza appellata billi tvarjaha fil-parti tal-piena inflitta billi minflok tinfliggi piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Rat illi l-aggravji huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

> "1) L-EWWEL AGCRAVJU - L-ewwel Onorabbli Qorti ma setghat qatt issib htija ai tennini tal-artikolu 121 A (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta nonostante l-ammissjoni (applikazzjoni tal-artikolu 392 A (3) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.)
>
> Illi fl-ewwel lok jigi rilevat illi l-appellant jissottometti illi l-Ewwel Qorti ma setghatx issib htija ai termini tal-Artikolu 121 A (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, nonostante l-ammissjoni tieghu ghall-akkuzi.
>
> Huwa fatt inkontestat illi fil-kaz in ezami l-appellant ammetta l-htija tieghu waqt l- ezami. L-artikolu 392 (A) tal-Kodici Kriminali jistipula kif ghandha timxi l-Qorti meta l-akkuzat jistqarr li hu hati waqt l-ezami.
>
> Meta l-imputat ma jkunx assistit hemm oneru aktar serju u gravi inkombenti fuq il-Qorti sabiex tassigura ruhha li r-ragunijiet tal-arrest huma validi u l-imputazzjonijiet jirrizultaw. Hemm regoli li jiddeterminaw x' ghandha taghmel il-Qorti f' kaz li l-imputat jirregistra ammissjoni (bla gurament). Fosthom hemm l-artikolu 392 A.
>
> B' mod aktar specifiku l-artikolu 392 (A) (3) jghid hekk:
>
> > "Izda, meta jkun hemm raguni tajba biex wiehed jiddubita jekk ir-reat kienx gie tassew maghmul, jew jekk l-akkuzat hux hati tar-reat, il-Qorti ghandha, ghalkemm l-akkuzat ikun stqarr li hu

hati, tordna li l-proceduri jkomplu jitmexxew 'l quddiem bhallikieku l-akkuzat ma wegibx li hu hati".

Dan ifisser li f' kull kaz il-Qorti ghandha tgharbel u tissindika l-atti sabiex tivverifika jekk l-imputazzjoni effettivament jezistux. Aktar u aktar meta l-imputat ma huwiex assistit minn avukat. Fil-konvalida tal-arrest il-pulizija ghanda tispjega l-fatti tal-kaz u x' wassal ghall-arrest. Aktar minn hekk l-Ewwel Onorabbli Qorti ghandha l-imputazzjoni li ghandhom jinqraw izda jkollha wkoll l-istqarrija li jkun irrilaxxja l-imputat. Allura l-Ewwel Onorabbli Qorti ghandha dejjem twiezen l-informazzjoni moghtija fix-xhieda tal-pulizija u l-fatti stabbiliti mill-istqarrija sabiex wara li tikkonfrontahom ma' l-imputazzjonijiet tassigura ruhha li l-imputazzjonijiet effettivament huma legalment korretti u hemm bazi legali ghall-istess imputazzjonijiet.

Fil-kaz in ezami r-rekwiziti legali ghall-ewwel imputazzjoni ma kienux jezistu u minn qari tal-istqarrija huwa evidenti illi l-imputat ammetta ghal reat iehor li ma huwiex ir-reat taht l-artikolu 121 A (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Jirrizulta illi l-appellant qatt ma seta' jinstab hati ghall-ewwel imputazzjoni li kienet trading in influence ai termini tal-artikolu 121 A (1). Fil-fatt jirrizulta waqt l-istqarrija tal-pulizija, il-pulizija bdiet issaqsi domandi fuq reat kompletament differenti minn dak ta' trading in influence. Jirrizulta wkoll illi l-ammissjoni tieghu kienet ghall-agir li MA JAMMONTAX ghal trading in influence (izda se mai ta' reat iehor). Minkejja dan il-pulizija ipprezentaw imputazzjoni ghal trading in influence u l-appellant, li deher mhux assistit kien minghalih li qed jammetti ghal reati ohra izda MHUX UKOLL ghal trading in influence.

Fejn qatt seta' jobsor l-appellant illi mill-istqarrija ghall-imputazzioni kienu ser jinbidlu r-reat imputati lejh? Fejn qatt seta' jifhem ir-reat ta' trading in influence u l-elementi li jiddistingwuh minn reati ohra?

Fil-fatt qari semplici tal-istqarrija li rrillaxxja l-appellant quddiem il-pulizija turi bic-car dak li kien qed jammetti ghalih: agir li ma jikkomprendix ukoll ir-reat ta' trading in influence ai termini tal-artiklu 121 A (1) tal-Kodici Kriminali.

Filwaqt illi fl-ewwel stqarrija tieghu l-appellant ma jammetti ghal xejn, fit-tieni stqarrija, ossia dik mehuda nhar is-27 ta' Frar, 2017 fil-11.30 intqal is-segwenti:

"M: Naqblu li inti taghzel li taghmilha minghajr l-assistenza ta' Avukat?
T: Iva naqblu.
M: Jekk nghidlek li nhar it-22 ta' Jannar 2017 ghamiltu kuntatt ma Jean Claude Seisun sabiex tiftehmu mieghu biex tiehdu l-

van il-Motor Services Limited, Luqa biex taparsi jsiru l-VRT. X' tghidli?
T: Hekk hu.
M: Minn qalilkom iccemplu lil dan Seisun?
T: X' jismu... dak tal-XTC Jesmond ghax il-van izjed minn 3 tunnelli.
**M: Kemm hallastu flus lil Seisun sabiex ma jsirx il-VRT Test imma xorta jaghmlilkhom certifikat ta' pass?**
**T: Bl-amment ma nafx, jew 50, 80 jew mija imma hemm nota fil-kotba issa li qieghed nahseb 80 Euro kienu.**
**M: Naqblu li Seisun accetta 80 Euro u hargilkom certifikat ta' pass ghal vettura tal-ghamla Ford Transit bin-numru ta' registrazzjoni ABU 815 minghajr ma gharnillu it-test?**
**T: Iva dak il-persuna li huwa risponsabbli mill-VRT ta' Hal-Luqa"**
...(pagna2)

**"M: Jekk nghidlek li int hallast Euro 50 lil Jesmond Pulis ta' XTC Garage sabiex jorhoglu certifikat li kien ittestja l-vettura tal-ghamla Mustang bin-numru ta' registrazzjoni MUS 968 x' tghidli?**
**T: Iva hekk hu.**
**(emfazi mizjud)**

Jirrizulta ghalhekk illi l-agir li gie mistoqsi dwaru l-appellant kienu fuq zewg istanzi:

(i) agir li permezz tieghu l-appellant bhala komplici ftiehem ma' awtur (mhux identifikat) sabiex jithallas terz u dan it-terz (presubbilment Jean-Claude Seisun) jghaddi il-van ABU 815 mit-test tal-VRT meta mhux suppost. Inharget ic-certifikazzjoni mehtiega meta mhux suppost.

(ii) Agir li permezz tieghu l-appellant bhala awtur hallas lil certu Jesmond Pulis ta' XTC Garage sabiex dan tal-ahhar johrog certifikazzjoni fuq MUS 968, mustang.

Il-fatt illi l-appellant huwa komplici huwa car mill-imputazzjoni li tiddeskrivi l-agir tal-appellant bhala "komplici" fl-imputazzjonijiet imsemmija. Il-prosekuzzjoni wkoll issemmi l-artikolu 42 tal-Kap. 9 li titkellem fuq il-komplicita`.

Dak li ma jsegwix huwa r-reat fl-ewwel imputazzjoni li taghmel riferenza ghall-artikolu 121 A (1) tal-Kap. 9 li huwa mod wiehed ta' kif jigi konsumat ir-reat ta' trading in influence, jew ahjar att li permezz tieghu l-awtur (A) iwieghed jew ihallas lil haddiehor (B) sabiex dan tal-ahhar (B) jinfluwixxi b' mod mhux xieraq fuq terz (C).

L-appellant ma hallasx lil haddiehor sabiex dan il-haddiehor jinfluwixxi b' mod mhux misthoqq fuq terz. Fl-ewwel istanza l-agir

ipotezzat huwa dak li fih l-appellant bhala komplici ta' struzzjonijiet lill-awtur (jew b' xi mod iehor irrenda ruhu komplici) sabiex jithallas terz (Jean-Claude Seisun) sabiex dan tal-ahhar jaghti c-ceritifikazzjoni meta mhux misthoqq. Fit-tieni istanza l-appellant allegatament hallas bhala awtur lil terz sabiex jinhareg ic-certifikazzjoni. Fiz-zewg istanza ma hemm ebda passagg li fih l-appellant hallas lil xi hadd sabiex jifluwixxi separatament fuq terz. Fl-ewwel istanza l-appellant kien komplici u fit-tieni awtur.

Dan l-agir zgur ma jammontax ghal trading in influence. Di fatti l-Qrati taghna kellhom diversi okkazzjonijiet li fih taw interpretazzjoni ta' dan ir-reat. Fil-kawza fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Dr Noel Arrigo (Dec. Preliminari) in data 23 ta' Novembru, 2006, il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet irretiniet illi:

> "Ghall-finijiet tar-reat kontemplat fis-subartikolu (2) tal-artikolu 121 A tal-Kodici Kriminali, min ikun ircieva jew accetta l-offerta hemm imsemmija irid ikun ukoll "asserixxa jew ikkonferma li huwa jkun kapaci li jaghmel xi influwenza mhux xierqa fitq il-mod kif tiddeciedi xi persuna" imsemmija fl-artikoli tal-ligi li jigu qabel l-artikolu 121 A. Tali asserzjoni jew konferma bhalma wiehed isib fis-subartikolu (1) — li tista' anke tkun mera pretensjoni, kif jispjega s-subartikolu (3) tal-imsemmi artikolu 121 A - ma hemmx ghalfejn tkun esplicita, izda huwa bizzejjed li tkun espressa implicitament jew anke indirettament u bil-metodi multiformi ta' kif hsieb jew idea jistghu jigu trasmessi minn persuna ghal ghand ohra."
>
> Aktar minn hekk fil-kawza fl-ismijet Il-Pulizija vs Gino Zammit in data 17 ta'Settembru, 2008,[1]
>
> "Fir-rigward tar-rent ta' trading in influence il-Qorti tal-Appell Kriminali ghamlet referenza ghas-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Dr. Noel Arrigo LL.D." [13.07.2006] fejn kien gie ritenut hekk:
>
> "...minn ezami tal-artikolu gdid 121 A jemergu zewg reati separati. Dak kontemplat fis-subartikolu (1) huwa dak ta' persuna li twieghed, taghti jew toffri, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli precedenti. Mela hawn ghandha l-kaz fejn A is-soggett attiv, qed iwieghed, joffri jew jaghti lil B xi vantagg mhux xieraq, biex B jinfluwenza kif jiddeciedi C, sija jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal C jew ghal xi hadd iehor, prezumibbilment D.

[1] F' dan il-kaz l-appellant gie lliberat minn dan ir-reat.

Is-subartikolu (2) invece johloq ir-reat ta' min jircievi jew jaccetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jezercita xi influwuenza mhux xierqa bhal ma hemm imsemmija fis-subartikolu (2). Mela hazin is-suggett attiv huwa A li qed jaccetta jew jircievi minghand B xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor, bil-ghan li jezercita influwenza mhux xierqa fuq C (sottolinear tal-Qorti).

Is-subartikolu (3) mbaghad jiddisponi li r-reati msemmija fis-subartikoli (1) u (2) ikunu saru ghal kollox sew jekk il-kapacità allegata li ssir influwenza mhux xierqa kienet jew ma kienetx tezisti, sew jekk l-influwenza tkun jew ma tkunx saret u sew jekk l-influwenza pretiza twassal jew ma twassalx ghar-rizultat intiz.

Illi ghalhekk jidher car li biex jissussisti r-reat imsemmi fl-art. 121 A (2) ikun hemm bzonn li s-soggett attiv A ikun accetta jew irceva l-vantagg mhux xieraq, bil-ghan li jezercita influwenza fuq kif jiddeciedi C, ossia terza persuna, u mhux sempliciment ikun accetta vantagg biex jinfluwenza lilu nnifsu."

- Is-suggett passiv fir-reati kontemplati fis-ssubartikoli (1) u (2) tal-artikolu 121 A tal-Kodici Kriminali hu differenti. Ir-reati differenti m' humiex komprizi jew involuti f' xulxin.

Allura dan ifisser li ghal trading in influence irid ikun hemm is-soggett attiv (A) li jwiehed lil (B) sabiex (B) jinfluwixxi fuq (C) ghal beneficcju ta' xi hadd anke terz (D). Minn dan kollu f' dan il-kaz ma hemm xejn. L-appellant jew bhala komplici hallas lil terz, jew bhala awtur hallas lil terz.

Ir-reat kontemplat ai termini tal-artikolu 121 (A) (1) ghalhekk ma hux sodisfatt. Lanqas ma jinkwadra ruhu mal-hsieb tal-Qorti tal-Appell Kriminali.

Huwa ghal dawn ir-ragunijiet illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setghatx ragjonevolment issib il-htija fuq l-ewwel imputazzjoni u kellha ghalhekk tqis li l-appellant ma setghax jammetti ghall-istess imputazzjoni.

2) It-TIENI AGGRAVJU - Piena Erogata — Piena Eccessiva

Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal dak suespost l-appellant jilmenta illi l-piena erogata minn l-Ewwel Qorti u cioe dik ta' tlett snin xhur prigunerija effettiva u multa, hija wahda sproporzjonata tenut kont tac-cirkostanzi.

Fl-ewwel lok jirrizulta illi l-appellant ikkopera bi shih sa mill-bidunett tal-proceduri u ammetta fl-istqarrija. Din l-ammissjoni bikrija ghandha tkun fattur determinant ghall-piena, ghax altrimenti tnaqqas l-incidenza ta' ammissjoni bikrija.

Fil-kawza fl-ismijiet Pulizija vs. Emmanuel Testa [152/2002], Qorti tal-Appell Kriminali, 17 taluiju 2002,

> "Din il-Qorti tosserva qabel xejn li kif gie ritenut (minn din il-Qorti kolleggjalment komposta) fis-sentenza Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Camilleri (5 taluIju, 2002) l-ammissjoni bikrija mhux bilfors jew dejjem, jew b' xi forma ta' dritt jew awtomatikament, tissarraf f' riduzzjoni fil-piena. Ir-regoli generali li ghandhom jigwidaw lill-qrati meta jkun hemm ammissjoni gew imfissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari taghha tal-24 ta' Frar, 1997 fl-ismijiet - Ir-Repubblika ta' Malta vs Nicholas Azzopardi, li dan b' referenza ghall-prassi fll-Qrati Inglizi. F' dik is-sentenza kienet saret referenza ghal bran mill-edizzjoni tal-1991 ta' Blackstone's Criminal Practice (Blackstone Press Limited). Din il-Qorti ser tirriproduci il-bran relevanti mill-edizzjoni tal-2001 ta' dan il-manwal, li dan peress li hija taqbel mal-principji espresso f' dana il-bran u qed taghmilhom taghha:

*"Although this principle (that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty) is very well established, the extent of the appropriate 'discount' has never been fixed. In Buffery (1992) 14 Cr. App. R. (S) 511 Lord Taylor CJ indicated that 'something in the order of one-third would very often be an appropriate discount' but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount the court may have regard to the strength of the case against the offender. An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (Hoult (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; Claydon (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526 ) and so may an offender who, as well as pleading guilty himself has given evidence against a co-accused (Wood [1997] 1 Cr. App. K, (S) 347) and / or given significant help to the authorities ( Guy [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24 ). Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost (Morris [1998) 10 Cr. App. K. (S) 216; Landy [1995] 16 Cr. App. K. (S) 908). Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (Hollington [1985] 85 Cr. App. K. 281; Okee [1998] 2 Cr. App. K. (5) 199.) Similarily, some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution, requiring the court to conduct an inquiry into the facts (Williams [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is*

*Costen [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182, where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances: (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence, possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea', where the offender delayed his plea until the final*
*moment in a case where he could not hope to put up much of a defence, and (iii) where the offender has been caught redhanded and a plea of guilty was practically certain....."*

Aktar minn hekk fis-sentenza Repubblika ta' Malta vs. Dominic Bonnici [13/2002], il-Qorti tal-Appell Kriminali in data 11 November 2004, irriteniet,

> *"Kull Qorti kellha u ghad ghandha d-diskrezzjoni li tiddeciedi hi jekk il-kaz jimmeritax tnaqqis fil-piena minhabba li tigi registrata ammissjoni. Aktar ma tkun bikrija l-ammissjoni, aktar il-Qorti tista' tkun propensa li tikkunsidra tnaqqis fil-piena minhabba f' hekk. Ma jfissirx, mill-banda l-ohra, li min ma jammettix mill-bidu nett u jibqa' jikkontesta l-akkuzi li hemm dedotti kontra tieghu ghandu jkun penalizzat minhabba l-kontestazzjoni tieghu. Kull persuna akkuzata ghandha dritt li tikkontesta l-akkuzi dedotti kontra taghha u tipproduci x-xhieda idoneji. Ghalhekk, filwaqt li min jammetti fi stadju bikri tal-process jista' jibbenefika minn tnaqqis fil-piena, dak li jkun m' ghandux jigi penalizzat jekk ma jammettix".*

Ghalhekk jirrizulta illi l-ammissjoni bikrija kellha tinghata piz sostanzjali. Dan qieghed jinghad peress illi jirrizulta illi frott il-kooperazzjoni tal-appellant, il-prosekuzzjoni stess iddikjarat illi anke hi ma ssib ebda oggezzjoni illi l-piena li kellha tigi inflitta tkun fil-minimu. Kienet l-ewwel Onorabbli Qorti stess li fis-sentenza rrimarkat:

> *"Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri ...* ***u anke d-dikjarazzjoni tal-Prosekuzzjoni li l-imputat ikkopera bi shih mal-Pulizija u ghaldaqstant ma ssibx oggezzjoni li l-piena eventwalment imposta mill-Qorti tkun fil-minimu taghha".***
> ***(emfazi mizjud).***

Bl-akbar dovut rispett lejn l-Ewwel Onorabbli Qorti, il-fatt illi l-Prosekuzzjoni ghamlet din id-dikjarazzjoni **dan ma kienx ifisser ill l-minimu tal-piena kellu jkun piena ta' habs effettiva fil-minimu izda li l-piena kellha tkun fil-minimu. Dan huwa interpretat mill-appellant bhala PIENA MHUX KARCERARJA. Din tkun piena fil-minimu, u dan bil-kundizzjonijiet kollha li jidhrilha xierqa l-Qorti.**

Konsiderazzjoni ohra huwa l-fatt illi l-appellant ghandu fedina relattivament netta, u la hemm ezistenza ta' recidiva jew ksur ta' ordni ta' Qorti. L-appellant ghandu negozju li b' rizultat ta' din is-sentenza ser jitfarrak. ln-negozju ser jitkisser, ser jitlef l-introjtu tieghu u ser jkollu jibda kollox mill-gdid wara li jiskonta s-sentenza.

**Ghalhekk l-effett tas-sentenza mhux biss hija wabda punittiva izda adirittura sproporzjonata. Din il-piena ser tfarrak ix-xoghol u negozju kollu tal-appellant.**

**Kif gie ritenut fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs. Joseph Attard [52/2000] il-Qorti tal-Appell Kriminali, 26 ta' Jannar 2001, irriteniet illi:**

> *"Illi kif gja rriteniet din il-Qorti kemm il-darba fil-passat, huwa rarament li hi tbiddel il-piena li tkun imponiet l-Ewwel Qorti.* ***Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi.*** *Din il-Qorti gieli, ukoll, varjat xi piena meta tkun moralment konvinta li hekk ikun mehtieg sabiex ma tintilifx xi opportunita' ghall-hati li biha jkun jista' jerga' jirritorna fit-triq it-tajba, jew jirriforma ruhu, jew jfieq u johrog minn xi abbuz, bhal ma huwa dak tad-droga. Dawn ikunu kazijiet jew ragunijiet specjali fejn il-Qorti tkun tassew sodisfatta w konvinta mill-isforzi genwini tal-hati biex jallontana ruhu mill-hajja kriminali li jkun qed jistrada ruhu fiha."*

L-appellant jemmen illi dawn ic-cirkostanzi huma applikabbli ghalih ukoll.
Illi inoltre ssir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet - Il-Pulizija vs. Terry Graham, datata hamsa u ghoxrin (25) ta' Marzu tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn allavoija l-Qorti sabet htija tal-appellant ghall-akkuza ta' traffikar irriteniet:

> *"Illi l-fedina penali tal-appellant tindika li l-ahhar darba li hu gie misjub hati f' dawn il-Qrati kien fl-1O t' Ottubru, 2005 fuq incident, dwar il-pussess ta' droga, li jmur lura ghall-20 t' April, 2000. Ovvjament, hemm dan l-appell li jirrigwarda incident li gara fl-1 ta' Marzu, 2008. Ghalhekk, fuq medda ta' tmien snin dan dan hu t-tieni kaz li ghandu l-appellant. Illum, l-appellant qed jahdem bi profitt u mix-xhieda tal-imghallem tieghu johrog messagg pozittiv li dina l-Qorti ma tistax ma tiehdux in konsiderazzjoni. Jekk verament irridu r-riforma ta' bniedem li hu mahkuma mill-vizzju tad-droga t-triq li tghaddi mill-habs ma tizra' ebda riforma fih. Irridu nkunu ta' idejat wiesghin u nghinu, f' dan il-kaz lill-appellant, biex dawn in-nies jistghu jiehdu posthom fis-socjeta' u ma jigux konsiderati bhala theddida lis-socjeta'. Dan li*

*qed jinghad diga' ntqal minn din il-Qorti diversarnent presjeduta meta ndikat 'a window of opportunity'. L-appellant sabha fix-xoghol. Din il-Qorti tittama li l-fiducja li qed taghti lill-appellant jissarraf pozittivament.*

*Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti tichad l-appell tal-appellant Terry Graham u tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena, din il-Qorti thassar u tirrevoka l-piena erogata minn din il-Qorti fejn ikkundannat lill-appellant ghal piena ta' tmintax il-xahar prigunerija u multa ta' elf u mitt euro ( €1,100 ) u minflok wara li rat l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-hrug ta' Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett snin mill-lum."*

Illi inoltre bosta drabi l-Qrati sahqu fuq il-bzonn ta' piena li ghandha tkun mezz riformattiv, a skapitu tal-mezz deterrent fil-piena. Fil-fatt fis-sentenza Il-Pulizija vs. Stephen Spiteri moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlieta (2003), il-Qorti qalet illi:

*"Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karceraja tidher inadatta. Infatti, pennezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga', bil-fatti, wera' soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggoranza taghhom huma delinkwenti, recidivi multipli. B' hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l-iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum il-kuncett m' huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm, il-possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba."*

Ghalhekk l-appellant jemmen illi t-tieni aggravju tieghu dwar il-piena ghandha tkun milqugha.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat is-sentenza preliminari moghtija minn din il-Qorti fis-26 ta' Ottubru 2017.

Rat il-verbal tad-29 ta' Novembru 2018 fejn il-partijiet iddikjaraw li qed jistriehu fuq il-provi li kien hemm ikkumpilati fl-atti.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel aggravju miġjub 'il quddiem mill-appellant diġa ġie ttrattat quddiem din il-Qorti u b'decizjoni taghha tas-26 ta' Ottubru 2017 s-sentenza moghtija mil-Ewwel Qorti nhar t-28 ta' Frar 2016 giet dikjarata nulla u bla effett skont il-liġi u wara li rat l-artikolu 428(5) tal-Kodiċi Kriminali gie ordnat is-smigħ mill-ġdid tal-każ fuq il-mertu.[2]

Ikkunsidrat:

Issa mill-atti probatorji jirrizulta illi l-investigazzjonijiet fuq dan il-kaz inbdew mill-pulizija u precizament mill-Ispettur Sergio Pisani wara li kien irċieva informazzjoni anonima dwar numru ta' vetturi li kienu ingħataw ċertifikat posittiv tal-VRT u dan mingħajr ma ġew sottoposti għall-eżamijiet meħtieġa fil-garaxx bl-isem Motor Test Services Ltd ġewwa Ħal-Luqa. Minn investigazzjonijiet li saru irriżulta illi l-vettura Ford Transit bin-numru ta' reġistrazzjoni ABU815 kienet ingħatat ċertifikat pozittiv tal-VRT mahrug mill-imsemmi garaxx. Madankollu rriżulta li din il-vettura qatt ma ġiet spezzjonata fizikament qabel ma nhareg ic-certifikat. Irriżulta wkoll li din il-vettura kienet tgħajjat lill-appellant Formosa li sussegwentment gie mitkellem mill-pulizija kif ukoll mit-Transport Malta sabiex il-vettura tiegħu tiġi sottoposta għat-test relattiv. Peress illi l-appellant ma kienx immedjatament disponibbli sabiex jagħmel dan it-test, saret tfittxija għall-vettura in kwistjoni fejn nhar is-27 ta' Frar 2017, din giet misjuba

[2] Folio 75 et seq tal-atti proċesswali.

ipparkeggjata ġewwa Triq Wingnacourt, Birkirara. Din il-vettura sarilha l-eżami fit-30 ta' Jannar 2017 fejn irrizulta li kellha diversi nuqqasijiet u li allura favur taghha qatt ma seta' jinhareg certifikat pozittiv.

L-appellant ġie mitkellem mill-pulizija fis-27 ta' Frar 2017 fl-10:30am, fejn stqarr illi l-vettura in kwistjoni kienet reġistrata fuq ismu u kkonferma wkoll li din il-vettura kienet għada kif ġiet ittrasferita lil Jean Paul Busuttil tal-Luxury Living Technology. Ikkonferma wkoll li hu kien għadda ċ-ċertifikat tal-VRT lill-Ispettur Pisani meta mitlub iżda ġie konfrontat bil-fatt li kien irriżulta li dan it-test qatt ma kien sar u kien ħallas il-flus biex ikollu ċertifikat posittiv meta ma kellux ikun hekk. Hu inizjalment ċaħad li kellu xi għarfien dwar dan u stqarr illi kien qabbad lil wieħed mill-ħaddiema tiegħu, ċertu Ray Galea biex jieħu l-vettura ghat-test tal-VRT u li ma kienx minnu li xahham lil terza persuna sabiex jinħariġlu ċertifikat mingħajr l-eżami meħtieġ. Ikkonferma li kien ħa l-vettura in kwistjoni ghat-tiswijiet mehtiega qabel reġa intalab jagħmel it-test mill-ġdid peress illi kien jaf li l-vettura ma kenitx ser tgħaddi mit-test fin-nuqqas. Hu filfatt ikkonferma li fit-30 ta' Jannar 2017 sar l-eżami u l-vettura tiegħu m'għaddietx mit-test, iżda din l-istess vettura baqgħet tintuża. Ikkonferma wkoll li kellu t-tarek tat-*Trial run* u m'eskludiex li seta' uża l-istess mhux skont il-liġi apparti li jista' jkun li dawn ma ġewx imġedda peress li ma kellux il-ħsieb jużhom aktar.

Meta rrilaxxa t-tieni stqarrija ukoll aktar tard fis-27 ta' Frar 2017, ikkonferma li hu flimkien ma' persuna/i oħra kien għamel kuntatt ma Jean Claude Seisun sabiex jiftehmu miegħu biex jieħdu l-vann gewwa il-garaxx bl-isem Motor Services Ltd Luqa biex jinhariglu ic-certifikat tal-VRT, minghajr ma jigi sottopost ghal ezami. Fil-fatt ighid li hallas lil Seisun sabiex joħroġ iċ-ċertifikat xorta waħda allavolja l-eżami tal-VRT ma sarx. Infatti dan Seisun kien aċċetta dawn il-flus u ħareġ iċ-ċertifikat kif mitlub. Mistoqsi jekk kienx qed jagħmel użu jew jippermetti l-użu tal-vettura allavolja kien hemm restrizzjoni fuq il-liċenzja, jistqarr li ghalkemm dan ma giex uzat, madanakollu kien thalla barra fit-triq mingħajr liċenzja. Hu

kkonferma wkoll li kien ħallas €50 lil Jesmond Pulis tal-XTC garage bl-iskop li joħroġlu ċertifikat li jindika li kien eżamina vettura ohra tal-għamla Mustang bin-numru ta' reġistrazzjoni MUS968 meta dan ma kienx minnu. Infatti jirriżulta li sussegwentement Pulis kien tressaq ukoll il-Qorti akkużat in konnessjoni ma dan il-każ fost akkużi oħra li nħarġu kontriħ.

Ikkunsidrat:

Fid-dawl tal-fatt li l-appellant kien ammetta ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu meta huwa gie imressaq il-Qorti, l-Prosekuzzjoni ftit li xejn ressqet provi, ghajr għaż-żewġ stqarrijiet rilaxxjati mill-appellant, kif ukoll ir-rapport tal-pulizija relattiv għal din l-investigazzjoni. Jidher li fi stadju inizzjali l-ispettur inkarigat minn dan il-każ kien spjega l-Qorti l-fatti tal-każ li kienu wasslu għall-arrest tal-appellant u dan ai fini ta' konvalidazzjoni tal-arrest effettwat li nfatti ma ġiex ikkontestat. Dan madankollu ma jinsabx traskritt fl-inkartament tal-proċess a disposizzjoni tal-Qorti. Kwindi din il-Qorti ser ikollha tistrieħ unikament fuq il-kontenut tal-istqarrijiet tal-appellant li mhumiex qed jiġu kkontestati għal dak li jirrigwarda l-validita' tagħhom. Maghdud ma' dan jirrizulta mir-rikors tal-appell, kif ukoll mis-sottomissjonijiet maghmula in difeza, illi huwa qieghed jikkontesta unikament l-ewwel akkuza migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti kellha diga okkazzjoni tesprimi ruhha dwar l-ewwel imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-appellant u cioe' dak tar-reat hekk imsejjah 'trading in influence' u dan fis-sentenza preliminari tas-26 ta' Ottubru 2017. Fil-fatt huwa gie mixli bhala kompliċi fil-kummissjoni ta' dan ir-reat li skont id-definizzjoni legali moghtija fil-Kodiċi Kriminali tagħna huwa hekk imfisser:

> *(1) Kull min iwiegħed, jagħti jew joffri, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantaġġ mhux xieraq lil xi persuna oħra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaċi li jagħmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeċiedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli preċedenti ta' dan is-subtitolu u ta' xi persuna oħra, sabiex iġiegħel lil dik il-persuna oħra teserċita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantaġġ mhux*

*xieraq ikun għal dik il-persuna oħra jew għal xi ħadd ieħor, għandu, meta jinsab ħati, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn tliet snin sa sitt snin.*

*(2) Kull min jitlob, jirċievi jew jaċċetta xi offerta jew wegħda ta' xi vantaġġ mhux xieraq għalih innifsu jew għal xi ħadd ieħor bil-għan li jeserċita xi influwenza mhux xierqa bħalma hemm imsemmi fis-subartikolu (1) jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita f'dak is-subartikolu.*

*(3) Ir-reati msemmija fis-subartikoli (1) u (2) jkunu saru għalkollox sew jekk il-kapaċità allegata li ssir influwenza mhux xierqa kienet jew ma kienetx teżisti, sew jekk l-influwenza tkun jew ma tkunx saret u sew jekk l-influwenza pretiża twassal jew ma twassalx għar-riżultat intiż.*

Illi kif jidher ċar mid-diċitura ta' din id-disposizzjoni kif ukoll minn ġurisprudenza nostrana li daħlet fl-interpretazzjoni ta' dan l-artikolu tal-ligi, huwa meħtieġ li jkun hemm tlett partijiet involuti fil-kummissjoni ta' dan ir-reat u ċioe`, il-persuna li tħallas jew tagħti rigal jew alternattivament twiegħed dan lil persuna oħra biex dan tal-aħħar jinfluwenza terża persuna li tkun tista' da parti tagħha tipprovdi dak mixtieq jew tieħu deċizjoni rigward dak mistenni jew pretiż mill-ewwel parti f'din il-katina. In oltre l-persuna hekk imħallsa trid tkun ikkonfermat li hi għandha s-setgħa li tinfluwenza lil terża persuna sabiex dan jeffetwa dak mixtieq jew mistenni. A skans ta' repetizzjoni din il-Qorti tirreferi għas-sentenza fl-ismijiet - Ir-Repubblika ta' Malta vs Noel Arrigo kif ukoll - Il-Pulizija vs Gino Zammit li daħlu fl-interpretazzjoni ta' din id-disposizzjoni u spjegaw ċar l-elementi ta' dan ir-reat fis-sentenzi in kwistjoni.[3]

[3] Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri datata l-20 ta' Mejju 2010 ppreseduta mill-Imħallfin David Scicluna, Noel Arrigo u Joseph Zammit McKeon fejn b'referenza għal dan ir-reat intqal is-segwenti "…min ikun ircieva jew accetta l-offerta msemmija fis-subartikolu (2) tal-artikolu 121A, irid ikun ukoll asserixxa jew ikkonferma li huwa jkun kapaci li jaghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna msemmija fl-artikoli tal-ligi li jigu qabel l-Artikolu 121A. Bhalma qalet din il-Qorti fis-sentenza taghha Ir-Repubblika ta' Malta v. Dr. Noel Arrigo moghtija fit-23 ta' Novembru 2006: "Tali asserzjoni jew konferma bhalma wiehed isib fis-subartikolu (1) – li tista' anke tkun mera pretensjoni, kif jispjega s-subartikolu (3) tal-imsemmi Artikolu 121A – ma hemmx ghalfejn tkun esplicita, izda huwa bizzejjed li tkun espressa implicitament jew anke indirettament u bil-metodi multiformi ta' kif hsieb jew idea jistghu jigu trasmessi minn persuna ghal ghand ohra." Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti Kriminali mogħtija wkoll fl-istess ismijiet u datata s-26 ta' Novembru 2009 fejn ġie ddikjarat is-segwenti: "Ikun ħati ta' dan ir-reat kemm (i) min jagħmel wegħda jew offerta lil persuna oħra li turi li hi għandha influwenza mhux xierqa fuq kif tiddeëiedi terza persuna li jkollha funzjoni pubblika, bħal ma hu āudikant, biex tinqeda b'dik l-influwenza, u jkun ħati wkoll (ii) min, wara li jkun wera li għandu dik l-influwenza, jaëëetta l-offerta li ssirlu bil-għan li jinqeda b'dik l-influwenza fuq it-terza persuna; ma huwiex biżżejjed li jkun laqa' l-offerta biex jinfluwenza lilu nnifsu."

Illi huwa evidenti mill-kontenut tal-istqarrija illi l-appellant f'ebda stadju m'għamel dikjarazzjonijiet li jindikaw li hu kkometta dan ir-reat. Minn dak mistqarr minnu l-appellant ħallas *direttament* lil certu Seisun u Pulis, li kienu n-nies li pprovdew iċ-ċertifikat tal-VRT mingħajr ma kien sar l-eżami appożitu fuq zewg vetturi li kienu irreġistrati fuq isem l-appellant f'dawk iż-żminijiet. Ma jidhirx li hemm il-preżenza ta' terza persuna apparti l-appellant u l-persuni li rċevew flus direttament minn għandu sabiex dawn jonqsu milli jagħmlu d-dover tagħhom u ċioe` joħorġulu ċertifikat tal-VRT li fil-kontenut tiegħu jindika li l-vetturi tieghu ġew sottoposti għall-eżami meħtieġ skont il-liġi u għaddew minn dan l-eżami, meta dan ma jirreflettix dak li seħħ realment. Dawn in-nies allura ixxaħħmu mill-appellant u qabbdu u ħarġu ċ-ċertifikat 'falz' kif mitlub u meħtieġ minnu. Konsegwentement ma tistax tinstab htija ghal kummissjoni ta' dan ir-reat.

L-istess ma jistax jinghad madanakollu ghall-akkuzi l-ohra migjuba kontra l-appellant, li kif inghad huwa ma jikkontestax fir-rikors tal-appell ghalkemm fis-sottomissjonijiet finali jikkontendi illi ma hemmx prova in atti li kien fil-fatt hu li ghamel uzu mid-dokument iffalsifikat.

Fil-fatt l-appellant jigi mixli li ghamel użu xjenti ta' dokument jew dikjarazzjoni jew ċertifikat falz senjatament iċ-ċertifikat tal-VRT li ma kienx veritier u kien ġie allegatament akkwistat b'mezzi qarrieqa. Mid-diċitura tal-liġi jidher li r-responsabbilta' penali ghal dan ir-reat tirrizulta meta persuna jew tagħmel użu minn dokument, dikjarazzjoni falza jew ċertifikat falz. L-appellant qed jigi addebitat ukoll bil-ksur tal-artikolu 188 tal-Kapitolu 9 u ċioe li ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew l-għoti ta' tagħrif falz bit-tir li jinkiseb xi vantaġġ jew benefiċċju għaliħ innifsu jew għal ħaddieħor biex b'hekk hemm il-falz ideologiku ta' dokument li ghalkemm ikun wiehed genwin izda jkun jikkontjeni dikjarazzjonijiet inveritjeri *"perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrario al vero"* – (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tas-17 ta' Ottubru 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija v. Paul Galea). L-appellant huwa ukoll akkużat bil-falsifikazzjoni fi skrittura privata li tkun tista' tagħmel ħsara lil xi persuna jew iġġib utli u dan dejjem b'referenza għaċ-

ċertifikat tal-VRT in kwistjoni u finalment illi saq jew ippermetta li tinsaq vettura jew li ġiet ipparkjata vettura mingħajr liċenzja valida għaċ-ċirkolazzjoni temporanja jew le u dan bi ksur tar-regolament 13(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 tal-Liġijiet ta' Malta.

L-appellant jikkonferma fuq mistoqsija li issirlu fit-tieni stqarrija rrilaxxjata minnu li hu kien għamel użu miċ-ċertifikat 'ħażin' biex jagħtih lit-Transport Malta u sussegwentement lill-pulizija meta mitlub jaghmel dan. L-appellant fil-fatt jikkonferma li l-pulizija kienu talbuħ id-dokument in kwistjoni u hu kien ipprovdilhom dan id-dokument, u dan allavolja kien konxju tal-fatt li l-kontenut taċ-ċertifikat ma kienx jirrefletti l-verita'. Mhux biss izda l-appellant kellu l-intenzjoni juza dan ic-certifikat sabiex jipprezentah lill-awtoritajiet bil-ghan illi dan jikseb il-licenzja tat-triq ghal dawn il-vetturi meta kien jaf li dawn ma kenux tajbin biex jinstaqu fit-triq. Kwindi fil-fehma ta' din il-Qorti l-appellant għandu jinstab ħati tat-tieni akkuża miġjuba kontra tiegħu. L-istess jista' jingħad għal dak li jirrigwarda t-tielet akkuża u dan peress li konsegwentement għal dan hawn fuq imsemmi, l-appellant ta tagħrif falz meta pprovdihom bid-dokument tal-VRT in kwistjoni u dan konsapevolment u bit-tir li jibbenefika biex jipprova jehles mit-test tal-VRT uffiċjali li hu kien jaf li ma kienx ser ikun wiehed pozittiv minhabba l-kundizzjoni li kienet tinsab fiha l-vettura tieghu. Infatti jirriżulta mit-tieni stqarrija li hu kien intalab dan id-dokument mill-Pulizija fil-25 ta' Jannar 2017 iżda xorta waħda kien intalab jagħmel it-test 'mill-ġdid' fit-30 ta' Jannar 2017 li konsegwentement m'għaddiex minnu allavolja kien qed jipprova jevadi milli jgħaddi minn dan il-proċess.

Illi fir-rigward tar-raba akkuża, u ċioe` tal-falsifikazzjoni allegatament magħmula mill-appellant ta' skrittura privata b'wieħed mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 179 tal-Kodiċi Kriminali[4], fil-fehma ta' din il-Qorti, l-

[4] ***179.*** *Bla ħsara tal-każijiet imsemmijin fis-sub-titolu ta' qabel dan, kull uffiċjal jew impjegat pubbliku illi, fl-eżerċizzju tad-dmirijiet tiegħu, jagħmel falsifikazzjoni b'firem foloz, jew b'tibdil f'atti, fi skritturi, jew f'firem, jew billi jdaħħal isem ta' persuna mhux vera, jew b'kitba magħmula jew imniżżla f'reġistri jew f'atti pubbliċi oħra, wara li jkunu ġa iffurmati jew magħluqa, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn sentejn sa erba' snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha.*

appellant ma jistax jinstab ħati ta' din l-akkuża. Dan ghaliex l-allegata falsifikazzjoni ma saritx mill-appellant imma semmai mill-persuna li finalment irċeviet il-flus mingħand l-appellant b'dan it-tir. Kwindi l-appellant ser jiġi lliberat mir-raba akkuża kif miġjuba kontra tiegħu.

Illi finalment għal dak li jirrigwarda l-aħħar akkuża u ċioe il-ksur tar-regolament 13(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02, l-appellant tramite l-legali tiegħu matul it-trattazzjoni magħmula minnu, qiegħed jikkonċedi r-responsabbilta' tieghu fir-rigward ta' din l-akkuża, liema responsabbilta' tirriżulta wkoll minn dak li stqarr l-appellant fl-ewwel stqarrija rrilaxxjata minnu, fejn jidher li ghalkemm l-vettura in kwistjoni ma kellhiex liċenzja għaċ-ċirkolazzjoni valida iżda baqgħet tintuża u kienet anki pparkjata barra fit-triq.

Għal dak li jirrigwarda l-piena din il-Qorti ħadet qies tal-ammissjoni bikrija tal-appellant kif ukoll tal-kooperazzjoni li kien hemm mal-uffiċjali tal-korp tal-pulizija skont dak iddikjarat minnhom stess u l-verbal tal-istess uffiċjal prosekutur fejn iddikjara li ma joġġezzjonax jekk l-appellant jingħata piena fil-*minimum* tagha. Din il-Qorti ħadet qies ukoll tal-fedina penali aġġornata tal-appellant.

Għal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 186, 188 u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u r-regolament 13(2) u 44(7)(a) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 tal-Liġijiet ta' Malta, taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li ma issibx lill-appellant hati tal-ewwel u r-raba' imputazzjonijiet u minnhom tilliberah, issibu hati tal-kumplament tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u wara li rat l-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali tikkundannah ghal piena ta' sena priġunerija (1), liema perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien sentejn mil-lum. Tikkundannah ukoll ghal hlas ta' multa ta' mitt Euro (€100).

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius
Deputat Registratur